# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 10 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 409/2016 JVC**

**Maria Dolores *sive* Doreen Spiteri (ID 0851035M)**

**vs**

1. **Lee Satariano (ID: 233474M)**
2. **Dennis Satariano (ID: 610345M)**
3. **Albert Satariano (ID: 433753M)**
4. **Anthony Satariano (ID: 313651M)**
5. **Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut b'digriet tat-23 ta' Gunju 2016 gew mahtura Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw l-eredi mhux maghrufa**

**ta' Roger Satariano u tal-assenti Joan Boesyman u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2016 il-Qorti estromettiet il-kuraturi deputati mill-atti tal-kawza stante li Anthony Satariano accetta l-atti tal-kawza f'isem l-eredi assenti ta' Roger Satariano u Joan Boesyman**

**6. B'digriet tal-14 ta' Lulju 2016 giet kjamata fil-kawza Vivianne Satariano**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Dolores *sive* Doreen Spiteri kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-kontendenti f'din il-kawza huma lkoll tfal tal-mejtin John Satariano u Carmena Satariano xebba Cardona;

2. Illi Carmena Satariano xebba Cardona mietet fl-1982;

3. Illi John Satariano miet fit-28 ta' Marzu 2000 u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt market bhala **Dok DS 1**;

4. Illi John Satariano u Carmena Satariano kellhom ukoll tifel iehor li kien jismu Alan Satariano li miet fid-29 ta' Jannar 2014 u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt bhala **Dok DS 2**;

5. Illi Alan Satariano kien '*drug user*' u kellu bzonn ghajnuna kontinwa, u dan kif ser jirrizulta tul is-smigh tal-kawza;

6. Illi kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji ta' John Satariano hawnhekk annessi bhala **Dok DS 3**, John Satariano halla l-ahhar

testament tieghu li jirregola l-propjeta' tieghu ghal wara mewtu, permezz ta' testament pubbliku fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut tal-20 ta' Settembru 1999 liema kopja tat-testment jinsab hawn anness bhala **Dok DS4**;

7. Illi inter alia disposizzjonijiet fit-testment tieghu, huwa halla permezz ta' titolu ta′ prelegat il-piena u assoluta propjeta' ta appartment gewwa Tas-Sliema qabel il-Gzira gewwa Triq Gianni Bencini bin-numru estern disgha u tletin (39) u internament mmarkat numru tlieta (3) u dan bhala hlas ghas-servigi rezi minnha lit-testatur kif ukoll bil-kondizzjoni sine qua non li l-prelegatarja tibqa' ddur b'huha Alan sa ma' dan ikollu l-htiega ta' hekk, basta l-imsemmi Alan jiddeporta ruhu sew kostantament mal-prelegatarja, altrimenti din il-kondizzjoni titlef l-effett ipso facto;

8. Illi l-attrici tiddikjara li minkejja il-mard li hakiema dejjem hadet hsieb m'hux biss lill-missierha izda anki lill-huha Alan sa mewtu u dan kif ser jigi spjegat tul is-smigh tal-kawza;

9. Illi tant kemm din hija l-verita' li anki mal-Isptar Mater Dei u anki mas-Sedqa l-contact person bhala in-next of kin ghall-istess Alan Satariano f'kaz ta' bzonn, kienet unikament l-attrici u dan kif ser jirrizulta tul is-smigh tal-kawza;

10. Illi wara l-mewt ta' huha Alan, l-attrici qieghda tippretendi d-drittijiet taghha u cjoe' li tiehu u takkwista b'titolu ta' prelegat in piena u assoluta propjeta l-imsemmi appartament 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema, u fejn ghalhekk l-attrici dahlet f'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Francesca Portelli datat is-26 ta' Awissu 2015 li kopja tal-kuntratt causa mortis jinsab anness bhala **dok DS 5**;

11. Illi l-attrici baghtet ittra ufficcjali lill-hutha kollha inkluz lil Anthony Satariano u dan datat id-9 ta' Dicembru 2014, fejn ghadu sallum jokkupa l-fond 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema l-imsemmi, Anthony satariano b'mod abuziv u illegali u minghajr ebda titolu fil-ligi;

12. Illi kienu biss tnejn minn hutha u cioe' Angela Melton u Astrid Weaver li rimmittew fil-pussess lill-attrici fil-propjeta' ta' dan l-appartament mertu tal-kawza, mentri hutha l-ohra inkluz Anthony Satariano jew ma rispondewx u ma kkollaborawx, jew inkella rispondew u ma accettawx tali prelegat;

13. Illi l-attrici taf li hutha kollha accettaw il-wirt ta missierha u fejn ghalhekk id-disposizzjonijiet testamentarji ta' missierhom ghandhom jigu rispettati 'in toto' inkluz dan il-prelegat a favur l-attrici, rigwardanti l-appartament 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema;

14. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

15. Illi min mindu il-fond saret propjeta ta' John Satariano sal-present qatt ma kienet soggetta ghal-xi titolu ta' kera.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti u/jew min minnhom prevja kwasiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune l-ghala din il-Qorti ma ghandhiex –

1. Tiddikjara li t-testment li jirregola l-wirt intier ta' John Satariano li miet fit-28 ta' Marzu 2000, huwa t-testment fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut tal-20 ta' Settembru 1999, anness bhala **dok DS 4**;

2. Tiddikjara li l-appartament 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema jifforma parti mill-beni propjeta' tad-decujus John Satariano u dan in piena propjeta';

3. Tiddikjara li l-attrici aderixxiet u ssodisfat il-kondizzjonijiet tal-Ewwel Artikolu u fejn ghalhekk dan l-appartament 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema hija propjeta` esklussiva u unika tal-attrici;

4. Tordna ghalhekk sabiex l-attrici tigi dikjarata propjetarja tal-fond u tigi rimessa fil-pussess tal-appartament 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema u dan entro terminu qasir u perentorju li tistabilixxi l-Qorti u dan billi jigi appuntat Nutar Pubbliku sabiex jidderigi tali kuntratt pubbliku u tahtar jekk hemm bzonn kuratur deputat sabiex jirraprezenta kwalunkwe persuna assenti li ma jidhirx ghal tali kuntratt pubbliku u ghall-ordnijiet u provvedimenti li l-Qorti thoss li huma idoneji fic-cirkostanzi;

5. Tordna sabiex il-konvenut Anthony Satariano u/jew min minnhom li jippretendu li ghandhom xi dritt tal-pussess tal-fond sabiex jizgombraw u jivvakaw mill-appartament 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema entro terminu li tordna l-Qorti, u fin-nuqqas ta' dan, sabiex il-Qorti taghti kwalunkwe provvediment necessarju sabiex il-fond jigi battal;

6. Tordna sabiex jidddawru l-meters tad-dawl u ilma mal-ARMS Limited a favur l-attrici, u dan a spejjez tal-konvenuti u/jew min minnhom, u sabiex kwalunkwe kontijiet pendenti ta' ilkera u konsum ta' utilitajiet inkluz imghaxijiet tal-utilitajiet, fuq il-fond 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema jithallsu interament mill-

konvenuti jew min minnhom, entro gimghatejn mis-sentenza tal-Qorti u fin-nuqqas li ma jithallsux jiddekorri imghax skond il-ligi;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali tad-9 ta' Dicembru 2014. Illi l-attrici tirrizerva d-dritt ukoll li tfittex in solidum ghal kwalunkwe Danni inkluz telf ta' kera minhabba l-okkupazzjoni illegali da parti ta' Anthony Satariano kif ukoll minhabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenuti li ma ffirmawx sabiex l-attrici tigi rimessa fil-pussess.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Lee Satariano, Dennis Satariano, Albert Satariano u Anthony Satariano li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, billi it-talba principali attrici hija dik kontenuta fit-talba numru '4', fejn l-attrici qed titlob li tigi iddikjarata proprjetarja tal-Flat nr. 3 fil-fond nr. 39, Triq Ganni Bencini , Sliema (qabel il-Gzira) u tigi immessa fil-pussess tieghu mill-konvenuti b' att notarili, u dana fl-isfond tal-prelegat ta' dan il-flat imholli lilha bit-testment tal- 20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut , ta' John Satariano (nannu ta' Lee Satariano) u missier il-partijiet l-ohra, li miet fit-28 ta' Marzu, 2000, din it-talba ghall-legat hija preskritta b' gheluq ghaxar snin mill-mewt tat-testatur, a tenur tal-artikolu 845(1) tal-Kodici Civili.

2. Illi stante li it-talbiet l-ohra numru '1', '2' u '3' huma antecedenti izda konnessi sew ma' u jwasslu ghar-raba talba u it-talbiet numru '5' u '6' huma konsegwenzjali ghar-raba' talba , stante l-ewwel eccezzjoni anke dawn it-talbiet ghandhom jaqghu.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-Onorabbli Qorti bir-rispett, ghandha tichad it-tielet talba attrici

ghal dikjarzzjoni li l-attrici aderixxiet u ssodisfat il-kundizzjoni tal-prelegat u li ghalhekk hija propjetarja tal-flat, ghaliex fil-mertu l-attrici in segwitu ghall-mewt tal-missier John Satariano fit-28 ta' Marzu 2000, naqset kompletament milli tonora il-kundizzjoni imposta fuqha minnu fit-tieni artikolu tat-testment tieghu sabiex tkun intitolata ghall-imsemmi prelegat tal-flat u cioe' il-kundizzjoni li "... iddur b' huha Alan ( Satariano) sa ma dan ikollu htiega ta' hekk….." tant li sal-mewt ta' Alan fid- 29 ta' Jannar, 2014 f'ebda zmien ma qatt ghamlet l-icken attentat biex iddur bih.

4. Illi b' konsegwenza tat-tielet eccezzjoni, fil-mertu l-Onorabbli Qorti ghandha, stante tali nuqqas ta' aderenza ghall-imsemmija kundizzjoni, tichad il-konsegwenti raba' talba attrici li tigi dikjarata sidt tal-flat de quo u li tigi immessa fil-pussess mill-konvenuti b'att notarili, u konsegwentement tichad ukoll il-hames u s-sitt talba.

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premessi eccezzjonijiet, it-tieni talba attrici ghal dikjarazzjoni li il-flat de quo jifforma parti mill-beni tad-decujus John Satariano in piena proprjeta', fil-mertu ghandha tigi michuda billi il-flat de quo kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-imsemmi decujus u martu Carmen xebba Cardona, omm il-partijiet (u nanna tal-konvenut Lee Satariano) premorta ghal zewgha fl-1982.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel, it-tieni, tielet u raba' eccezzjonijiet b' konsegwenza tal-precedenti hames eccezzjoni, ir-raba' talba attrici li tigi ddikjarata sidt tal-flat de quo u tigi immessa fil-pussess tieghu b' att notarili, f'kaz li tintlaqa' mill-Onorabbli Qorti, fil-mertu bir-rispett ghandha biss tintlaqa' kwantu ghas-sehem indiviz tat-testatur mill-flat de quo u dana fl-isfond tal-artikolu 698 tal-Kodici Civili billi nonostante li il-flat

kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, it-testatur ma iddikjarax fit-testment li kien jaf li il-flat ma kienx kollu tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici, minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni guramentata tal-istess Anthony k/a Tonio Satariano
Jiddikjara bil-gurament:

1. **Illi huwa jaqbel ma' dak premess fil-paragrafi numri '1' sa '7'** fir-rikors guramentat tal-attrici, ghajr li ghal kjarifika tal-ewwel premessa, jispjega li il-konvenut Lee Satariano jigi neputi (grand-son) tal-mejtin konjugi John u Carmena Satariano xebba Cardona u mhux wild bhal kumplament tal-konvenuti, l-attrici u l-mejjet Roger Satariano.

2. Illi huwa jichad totalment l-allegazzjoni tal-attrici fil-premessa numru '8' u cioe' li hadet hsieb lil hu l-partijiet Alan Satariano sa mewtu, billi effettivament anqas ghall-icken perjodu ma ghamlet dan u jispjega kif gej.

3. Illi huh, Alan Satariano imwieled fl-1955, fl-1973 ta' dsatax il-sena mar jahdem l-Ingilterra mal-kumpanija 'Mars' u qabel ma mietet l-omm fl-1982, Alan diversi drabi kien jigi Malta u jerga' jmur l-Inghilterra u kull meta kien ikun Malta kien joqghod fil-fond de quo mal-genituri cioe' fil-flat in kwistjoni internament immarkat numru '3' fin-numru '39' Triq Ganni Bencini, Sliema (qabel Gzira), li l-attrici issa qed tippretendi li il-konvenuti jimmettuha fil-pussess tieghu a tenur tat-tieni artikolu tat-testment datat 20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony

Sammut, ta' missierhom John Satariano li miet fit-28 ta' Marzu, 2000.

4. Illi dan il-flat kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-genituri John u Carmen Satariano.

5. **Illi kwantu ghall-premessa numru '5',** fejn l-attrici tghid *"Illi Alan Satariano kien drug user u kellu bzonn ghajnuna kontinwa ……."* l-esponenti jaqbel u jispjega li dan il-vizzju beda meta Alan kien mar l-Inghiltera fl-1973 u filwaqt li ghamel bosta courses ta' ri-abilitazzjoni f'Malta, huwa dejjem kien jerga' jaqa' ghad-droga, dwar liema fatt kemm il-genituri u l-ahwa kollha inkluza l-istess attrici kienu minn dejem ben konxji.

6. Illi mill-mewt tal-omm fl-1982, il-missier kien jghix wahdu fil-flat de quo, b'Alan jghix mieghu kull meta kien jirritorna mill-Ingilterra sa ma fl-ahhar tat-tmenijiet Alan beda jghix permanentement Malta fl-istess flat ma' missieru.

7. Illi effettivmant stante il-kundizzjoni ta' Alan minhabba il-vizzju tad-droga, taht l-istess saqaf fil-flat de quo il-missier kien ikun ta' kumpannija ghal Alan u vice versa u kien jiehu hsieb lill-ibnu billi jsajjarlu, jahsillu il-hwejjeg u jaghmel dak kollu mehtieg fl-interess ta' ibnu.

8. Illi waqt li il-missier kien ghadu haj, in-naha taghhom l-ahwa residenti Malta konvenuti u l-attrici, kienu jaghtu il-kontribut taghhom ugwalment tipikament billi kull wiehed kien jiehu lil Alan gurnata ghandu kultant zmien, b'mod li l-attrici ma ghamlet xejn aktar mill-konvenuti hutha fl-interess ta' Alan u wara il-mewt tal-missier fit-28 ta' Marzu, 2000 l-attrici assolutament qatt ma hadet hsieb ta' xejn ta' Alan.

9. Illi l-missier, imwieled fl-1907, fl-eta ta' tnejn u disghin sena marad u ma baqa' jiflah xejn kemm fizikament u mentalment u sar 'bed ridden' u ghalhekk b'effett minn Gunju, 1999 (u cioe' disa' xhur qabel il-mewt), il-missier ittiehed mill-konvenut ibnu l-iehor Albert Satariano biex joqghod mieghu fir-residenza Had-Dingli u hemm jiehu hsiebu, f'liema residenza il-missier ghex sal-ahhar qabel ma miet l-isptar fit-28 ta' Marzu, 2000.

10. Illi mit-tluq definiitiv tal-missier mill-flat inkwistjoni f'Gunju, 1999 ghad-dar ta' ibnu Albert f'Had-Dingli, Alan baqa' jghix dejjem wahdu fil-flat mertu tal-kawza sa ma miet fid-29 ta' Jannar, 2014, ghajr illi fl-ahhar tliet snin qabel mewtu, kien iqatta' xi perijodi mieghu ibnu Matthew.

11. Illi l-attrici, totalment ben konxja mill-kundizzjoni serja ta' vizzju ta' droga li kellu Alan, ghajr ghal kontribut ugwali daqs hutha sa ma il-missier u Alan kienu ghadhom taht l-istess saqaf kif spjegat fis-suriferit paragrafu numru '8', minn wara li Alan safa wahdu minn Gunju, 1999 fil-flat de quo, l-attrici f'ebda zmien ma hadet l-icken hsieb ta' Alan u aktar relevanti minn hekk ghall-fini ta' din il-kawza, mill-mewt tal-missier fit-28 ta' Marzu, 2000 sa ma miet l-istess Alan fid-29 ta' Jannar, 2014, ukoll fattwalment f'ebda zmien assolutament ma hadet l-icken hsieb ta' Alan u similment qatt ma ghamlet lanqas l-icken attentat biex tipprova tiehu hsiebu.

12. **Illi kwantu ghal fejn fil-premessa numru '9'** tar-rikors guramentat taghha, l-attrici in sostenn tal-allegazzjoni taghha fil-premessa numru '8' taghha li kienet tiehu hsieb lill-Alan sa mewtu, tghid illi *"…..anki mal-Isptar Mater Dei u anke mas-Sedqa l-contact person bhala next of kin ghall-istess Alan Satariano f'kaz ta' bzonn, kienet unikament l-attrici …….",* l-esponenti jispjega li din

kienet biss il-pozizzjoni ufficjali, ghaliex fattwalment kull meta kien jinqala' tali bzonn, l-attrici assolutament ma kintx tkun trid tintriga b'Alan u minflok kien jiehu hsieb tas-sitwazzjoni l-esponenti, li kien jigi ikkuntatjat minn dawn l-entitajiet u anke mill-isptar Monte Carmelo, li kien ikollhom in-numru tieghu moghti lilhom minn Alan.

13. Illi wara l-mewt tal-missier John Satariano fit-28 ta' Marzu, 2000, tant l-attrici lanqas biss ippruvat tiehu l-icken hsieb ta' Alan, li mal-esponenti u l-konvenuti l-ohra, kienet tinsisti li b'ebda mod ma trid lil Alan jersaq lejn il-bieb taghha u li ma tridx taf bih u fattwalment hekk gara.

14. Illi fl-isfond tat-tieni artikolu tat-testment tal-missier, li in bazi ghalih l-attrici qed tibbaza it-talbiet taghha, ma kien hemm ebda okkazzjoni fejn Alan naqas li *"…….jiddeporta ruhu sew kostantement mal-prelegatarja (attrici)……"*, ghaliex wara l-mewt tal-missier fit-28 ta' Marzu, 2000 ma kien hemm assolutament ebda okkazzjoni fejn l-ewwel u qabel kollox l-attrici ippruvat biss li *"…….iddur b'huha Alan sa ma dan ikollu htiega ta' hekk…."*, kif obbliga kundizzjonalment il-missier testatur sabiex tkun intitolata ghall-legat tal-flat de quo skond dan l-artikolu.

15. Illi wara l-mewt tal-missier fit-28 ta' Marzu, 2000, pari passu man-nuqqas totali tal-attrici li iddur b'Alan, li kien baqa' joqghod wahdu fil-fond de quo, kienu jiehdu hsiebu hutu il-konvenuti Dennis, Albert u l-esponenti Anthony f'kull ma kien hemm bzonn, senjatament l-esponenti li kien izur lil Alan darba kull gimgha fil-flat de quo u jghaddilu flus ghall-ghixien u jara xi bzonnijiet ghandu.

16. Illi in oltre f'Gunju, 2013, wara li Alan tela' l-Inghilterra biex jara kuncert, l-esponenti gie ikkuntattjat mill-Ambaxxata Maltija biex Alan jingieb lura Malta minhabba il-komportament tieghu u l-istat mediku li kien jinsab fih, u fi triqthom lejn l-ajruport biex jirritornaw Malta Alan tah stroke u l-esponenti nizel lura Malta wahdu, baqa' in kuntatt mat-tabib fl-Ingilterra li tahtu kien Alan, li tnizzel lura Malta wara riabilitazzjoni ta' cirka tliet xhur, b'dana li l-esponenti sakemm kien l-Inghilterra hallas l-ispejjez biex mantna lil Alan, l-ispejjez tal-passagg tieghu stess u ta' Alan biex jingieb lura Malta.

17. Illi Alan miet Malta fid-29 ta' Jannar, 2014 u l-ispejjez kollha tal-funeral thallsu mill-esponenti Anthony Satariano.

18. **Illi kwantu ghall-premessa attrici numru 11**, fejn l-attrici timputa okkupazzjoni tal-fond de quo "*b'mod abbuviz u illegali u minghajr ebda titolu validu fil-ligi*" kontra l-esponenti Anthony Satariano, huwa jispjega illi wara l-mewt ta' Alan f'Jannar, 2014 il-fond baqa' fl-istat li hallieh Alan u gie imsakkar b'katnazz u bil-kunsens tal-konvenuti l-ohra ic-cavetta tinsab f'idejn l-esponenti u jichad tali allegazzjoni ta' okkupazzjoni illegali proprju ghaliex:

-huwa ko-werriet ta' missieru flimkien mal-partijiet kollha;
-u il-pretenzjoni attrici li tigi immessa fil-pussess tal-flat oggett tal-legat a tenur tat-tieni artikolu hija bla bazi, ghaliex hija ma onoratx l-ewwel kundizzjoni imposta fuqha sabiex tkun intitolata ghal dan il-legat u cioe' li "*iddur b'huha Alan sa ma dan ikollu htiega…….*" Fis-sens illi f'ebda zmien ma qatt ippruvat twettaq din il-kundizzjoni, anzi ghall-kuntrarju dejjem harbet minn dan l-obbligu.

19. Illi ghall-istess appena premess nuqqas tal-attrici, **kwantu ghal premessa attrici numru 13**, li l-esponenti u hutu l-ohra konvenuti

ko-werrieta, ghandhom jirrispettaw dan il-prelegat, huwa jirrespingi tali pretenzjoni attrici, billi l-attrici stess lanqas biss ippruvat tonora il-kundizzjoni marbuta mieghu u b'hekk dan il-prelegat tilef l-effett tieghu.

Illi huwa jaf b'dawn il-fatti 'di scientia propria'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Roger Satariano li taqra kif isegwi:

'Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.'

Rat l-affidavits, xiehda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji, testment, dikjarazzjoni *causa mortis* u immissjoni fil-pussess, ricevuti, stima tal-fond, ittra ufficjali, ittra legali, statements ta' kont bankarju esteru, kuntratt, statements, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2016 Dr Kenneth Cutajar ghall-intimati pprezenta nota ghan-nom ta' Anthony Satariano li permezz taghha accetta l-atti f'isem l-eredi assenti Roger Satariano u Joan Boesyman u rat li l-Qorti kif diversament preseduta *seduta stante* laqghet it-talba u estromettiet l-kuraturi deputati;

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2016 Dr Kenneth Cutajar talab li jigu kjamati in kawza Vivianne Satariano, omm Lee Satariano billi

hija l-werrieta ta' Aurthur Satariano u rat li t-talba ma gietx opposta u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamata in kawza msemmija;

Rat illi fil-verbal tas-6 ta' April, 2017 billi ghadda t-terminu ghall-prezentata tar-risposta guramentata tal-kjamata fil-kawza Vivienne Satariano u l-istess baqghet ma wegbitx hija giet dikjarata kontumaci;

Rat in-nota tal-intimati Lee Satariano et intavolata nhar il-15 ta' Jannar, 2021 fejn permezz taghha rtiraw l-eccezzjonijiet bin-numru '5' u '6' u d-dikjarazzjoni relattiva fil-paragrafu numru '4' tad-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Anthony k/a Tonio Satariano mar-risposta guramentata fejn iddikjaraw is-segwenti:

'**Stante illi** l-flat numru 3 fil-fond numru 39, Triq Gianni Bencini, Sliema (qabel Gzira) mertu tal-kawza, irrizulta (wara l-prezentata tar-risposta guramentata) li ma kienx jappartjeni in proprjeta' ghall-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-mejtin konjugi John Satariano u Carmena xebba Cardona (nanniet tal-konvenut Lee Satariano u genituri tal-partijiet l-ohra kollha), li mietu Carmena fl-1982 u John fit-28 ta' Marzu, 2000.

Fil-fatt dan il-flat, ghad li qabel abitat b'kiri mill-konjugi Satariano, gie akwistat in proprjeta' b'kuntratt ta' bejgh minn John Satariano, gia' armel, ippubblikat fil-15 ta' Marzu, 1987 fl-atti tan-Nutar Francis Micallef, liema kuntratt jirrizulta fil-provenjenza tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-istess flat mill-istess John Satariano favur Joan (Joanne) Spiteri, bint l-attrici, ippubblikat fis-16 ta' Ottubru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut u liema donazzjoni (eventwalment rexissa) giet esebita bhala Dok. TS2 mal-affidavit Dok. TS tal-konvenut Anthony k/a Tonio Satariano.'

Rat illi fil-verbal datat 24 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija kawza fejn qed jitnalab l-imissjoni fil-pussess ta' prelegat u l-konsegwenti zgumbrament. Ir-rikorrenti Maria Dolores sive Doreen Spiteri qieghda titlob li l-intimati kollha hutha ghajr ghal Lee Satariano, li jigi n-neputi iben il-mejjet huwha Roger Satariano u Vivianne Satariano omm Lee Satariano u mart Roger Satariano, jimmittuha fil-pussess tal-fond ossia appartament 39, Flat 3 fi Triq Gianni Bencini, Sliema. Ir-rikorrenti talbet ukoll fost affarijiet ohra li l-Qorti tordna lill-intimat Anthony Satariano u/jew min minnhom li jippretendu li ghandhom xi dritt tal-pussess fuq l-appartament in kwistjoni sabiex jizgumbraw u jivvakaw entro terminu prefiss mill-Qorti.

Illi l-intimati laqghu ghat-talbiet tar-rikorrenti billi preliminarjament eccepew illi billi t-talba principali attrici hija dik kontenuta fit-talba numru '4' cioe' li tigi dikjarata proprjetarja tal-appartament 39, Flat 3 fi Triq Gianni Bencini, Sliema u tigi mmessa fil-pussess tieghu u dan fl-isfond tal-prelegat imholli lilha minn missierha John Satariano, it-talba ghal-legat hija preskritta b'gheluq ghaxar (10) snin mill-mewt tat-testatur ai termini tal-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Komplew jeccepixxu li stante li t-talbiet l-ohra numru '1', '2' u '3'

huma antecedenti izda konnessi sew u jwasslu ghar-'4' talba u l-'5' u s-'6' huma konsegwenzjali stante l-ewwel eccezzjoni anke dawn t-talbiet ghandhom jaqghu. Bhala t-tielet eccezzjoni taghhom l-intimati eccepew illi l-Qorti ghandha tichad it-'3' talba ghaliex fil-mertu r-rikorrenti mill-ewwel in segwitu ghal mewt ta' missierha John Satariano fit-28 ta' Marzu, 2000 naqset kompletament milli tonora l-kundizzjonijiet imposti fuqha fit-tieni artikolu tal-imsemmi testment. Fir-raba' eccezzjoni jeccepixxu li l-Qorti ghandha tichad ir-raba' talba sabiex ir-rikorrenti tigi dikjarata sid tal-appartament u li tigi immessa fil-pussess tieghu u konsegwentament tichad il-hames u s-sitt talba stante l-allegata nuqqas ta' adezjoni ghall-imsemmija kundizzjoni. Dwar it-tieni talba jeccepixxu li din ghandha tigi michuda billi l-appartament de quo kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-imsemmi John Satariano u martu Carmen xebba Cardona li mietet fl-1982. Finalment eccepew illi bla pregudizzju ghal eccezzjonijiet precedenti r-raba' talba attrici ghandha tintlaqa' kwantu ghas-sehem indiviz tat-testatur u dan fl-isfond tal-Artikolu 698 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi l-flat kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u t-testatur ma ddikjarax fit-testment li kien jaf li l-flat ma kienx kollu tieghu. Kif gia suespost l-eccezzjonijiet dwar li l-appartament ma kienx kollu proprjeta tad-decuius gew irtirati fil-mori tal-kawza.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi fid-dawl tat-talbiet u l-eccezzjonijiet issollevati, l-Qorti tqis li l-kawza odjerna ghandha tigi trattata billi fl-ewwel lok tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni dan billi fl-eventwalita' li jirrizulta li l-azzjoni hija preskritta l-Qorti tkun prekluza milli tinoltra oltre u l-azzjoni tieqaf hemm. Fl-eventwalita' li jirrizulta li l-azzjoni mhijiex preskritta, l-Qorti tghaddi sabiex tezamina jekk l-

kundizzjoni imposta mid-decius John Satariano fit-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut gietx sodisfatta u dan billi l-akkoljiment tat-talbiet huwa dipendenti fuq li din giet sodisfatta. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tibda billi tittratta l-eccezzjoni preliminari.

**<u>Eccezzjoni preliminari – talba allegatament preskritta ai termini tal-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni taghhom, l-intimati Leo jeccepixxu li billi t-talba principali rikorrenti hija dik kontenuta fir-raba' talba, cioe' fejn ir-rikorrenti qieghda titlob li tigi dikjarata proprjetarja tal-fond ossia appartament 39, Flat 3 fi Triq Gianni Bencini, Sliema u tigi immessa fil-pussess tal-imsemmi fond fl-isfond tal-prelegat imholli lilha minn missierha John Satariano bit-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut, jeccepixxu li t-talba ghal-legat hija preskritta b'gheluq ghaxar (10) snin mill-mewt tat-testatur ai termini tal-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati jindikaw li l-kawza biex ma tigix preskritta kellha tigi ntavolata tal-anqas sat-28 ta' Marzu, 2010 billi l-ghaxar (10) snin jiddekorru '*mill-ftuh tas-successjoni*' cioe' mill-mewt tal-missier John Satariano.

Illi l-artikolu 845 (1) tal-Kodici Civili jaqra kif isegwi:

> '845. (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.'

In aggunta, mal-artikolu msemmi referenza ghandha ssir ukoll ghal Artikolu 726 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

'726. (1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.

(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.

(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.'

Illi dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 845 (1) tal-Kodici Civili nghad fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 1954 fl-ismijiet **Stella Briffa et -vs- Caterina Scicluna et** illi:

'Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hæreditatis", biex jintalab wirt, jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata kemm f'dik intestata, hija preskrizzjoni akkwizitiva; u dan mhux biss fir-rapporti bejn il-koeredi, imma anki fil-konfront tal-legatarji u ta' dawk l-ohra li ghandhom dawk id-drittijiet.

Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi pruvat anki l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta'. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "di diritto".

Meta si tratta ta' legat, ghalhekk, mhux bizzejjed illi l-legatarju jibqa' inerti ghaz-zmien rikjest mil-ligi biex jintilef id-dritt ghal-legat, imma hemm bzonn li l-uzurpatur ikun jippossjedi l-haga abbandunata mill-proprjetarju, u li jkun jippossjediha "animo domini".

Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun, ghalhekk kontinwu, mhux interrott, pacifiku, publiku, u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll "animo domini".

Dan il-pussess ghandu jigi pruvat b'mod infragibili, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.

Il-pussess reali li jehtieg ghal din il-preskrizzjoni hemm bzonn li jkun tal-haga in disputa, u mhux ta' hwejjeg ohra, sija pure ta' l-istess eredita'.

Illi applikati l-principji esposti fil-gurisprudenza kwotata ghall-fatti tal-kaz odjern kif jirrizultaw mill-atti l-Qorti tinnota li l-element tal-*animo domini* huwa assolutament mankanti fl-intimati u dan huwa car mill-fatt li l-istess isostnu li l-fond huwa mizmum b'komproprjeta' bejn l-ghaxar (10) ahwa jew l-werrieta taghhom

nkluz ir-rikorrenti. Fil-fatt dan gie dikjarat fid-dikjarazzjoni guramentata ta' Anthony sive Tonio Azzopardi annessa mar-risposta guramentata fejn sostna li:

*'…u gie msakkar b'katnazz u bil-kunsens tal-konvenuti l-ohra ic-cavetta tinsab f'idejn l-esponenti, u jichad tali allegazzjoni ta' okkupazzjoni illegali proprju ghaliex : - huwa ko-werriet ta' missieru flimkien mal-partijiet kollha…'*

Tant li l-fond m'huwiex mizmum b'*animo domini* ta' sid mill-intimati li kif gie dikjarat dan gie msakkar b'katnazz u mhux isir uzu minnu mill-intimati. Dan il-punt huwa wkoll ripetut fl-affidavits ta' Dennis Satariano (fol. 170) u ta' l-istess Anthony sive Tonio Satariano (fol. 177) fejn it-tnejn ikkonfermaw li l-appartament ghandu jibqa' jifforma parti mill-wirt tal-missier John Satariano u jibqa' jappartjeni lill-ghaxar (10) ahwa. In fatti Dennis Satariano jghid illi:

> 'Wara li miet Alan, morna fil-flat jien u Tonio. Il-flat kien fi stat ta' hmieg u peress li kien hemm shab Alan fil-flat, drogati ohra, ghidnilhom biex johorgu qabel ma ingibu il-Pulizija,
>
> Huma telqu u morna xtrajna katnazz u brackets biex imbarrajna l-bieb halli hadd ma jidhol. Tonio izomm ic-cavetta, kif ghadu sa issa.
>
> …
>
> Dan il-flat ghandu jibqa' fil-wirt ta' missierna u jibqa' jappartjeni lill-ghaxar ahwa li konna, ossia dawk sa issa hajjin u cioe' jien, Tonio, Albert, Doreen, Astrid, Angela,

Joan u il-werrieta ghas-sehem rispettiv tal-mejtin hutna Arthur, Roger u Alan.'

Il-Qorti rat ukoll li fl-atti xehed ukoll Albert Satariano (fol. 207) minn fejn jirrizulta li dan ix-xhud imkien ma sostna li huwa wahdu u/jew flimkien ma hutu qieghed izomm il-fond mertu tal-kawza *animo domini*.

Illi fil-fehma tal-Qorti gialadarba l-intimati nfushom jikkonfermaw li qed izommu l-fond in kwistjoni indivizament bejniethom bhala ko-proprjetarji, nkluz ir-rikorrenti, dan huwa prova cara tal-mankanza ta' l-element tal-*animo domini* b'dan li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 845 (1) ma tistax tirnexxi.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-kundizzjoni imposta mid-decuius John Satariano fit-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut:</u>**

Illi l-kontendenti kollha ghajr ghal Lee Satariano u Vivianne Satariano huma lkoll ulied John Satariano u Carmena xebba Cardona. Lee Satariano huwa iben il-mejjet Roger Satariano filwaqt li Vivianne Satariano hija mart l-imsemmi Roger Satariano li wkoll kien iben John u Carmena konjugi Satariano.

Jirrizulta li John Satariano gie nieqes fit-28 ta' Marzu, 2000 (ara certifikat tal-mewt a fol. 10 tal-process) u l-wirt u successjoni tieghu gie regolat bit-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut (ara ricerki testamentarji u testment

a fol. 13 et seq tal-process). Fl-imsemmi testment il-mejjet John Satariano halla prelegat lill-bintu Maria Dolores sive Doreen Spiteri suggett ghal kundizzjoni. Fil-fatt ir-rikorrenti Maria Dolores sive Doreen Spiteri qed titlob principalment li tigi imessa fil-pussess tal-fond 39, Flat 3 fi Triq Gianni Bencini, Sliema u konsegwentement tigi dikjarata proprjetarja tal-imsemmi fond. L-intimati jsostnu li r-rikorrenti naqset kompletament milli tissodisfa l-kundizzjoni tal-prelegat mposta fuqha minn missierha u ghalhekk hija ma tistax tigi dikjarata proprjetarja tal-fond in kwistjoni.

Illi l-parti l-aktar rilevanti ghal kawza odjerna mit-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 hija kif isegwi:

> ' It-Tieni Artikolu
>
> It-testatur qieghed ihalli b'titolu ta' prelegat, in piena u assoluta proprjeta', lil bintu Doreen Spiteri, mart Joseph, l-appartament f'Tas-Sliema, qabel il-Gzira, Triq Gianni Bencini, bin-numru disgha u tletin (39) u n-numru tlieta (3) internament, u dana bhala hlas ghas-servigi rezi minnha lit-testatur, kif ukoll bil-kundizzjoni *sine qua non* li l-prelegatarja tibqa' ddur b'huha Alan sa ma dan ikollu htiega ta' hekk, basta l-imsemmi Alan jiddeporta ruhu sew kostantement mal-prelegatarja, altrimenti din il-kondizzjoni titlef l-effett *ipso facto*.'

Il-kwistjoni kollha bejn il-partijiet hija jekk ir-rikorrenti Maria Dolores sive Doreen Spiteri effettivament issodisfatx din il-kundizzjoni appena kwotata mposta fuqha minn missierha John Satariano jew le.

L-intimati fit-tielet eccezzjoni taghhom eccepew illi r-rikorrenti ma ssodisfatx din il-kundizzjoni u sostnew illi mill-ewwel u in segwitu ghal mewt ta' missierha John Satariano fit-28 ta' Marzu, 2000 hija naqset kompletament milli tonora l-kundizzjoni mposta fuqha minnu fit-tieni artikolu tat-testment sabiex tkun intitolata ghall-imsemmija prelegat tal-flat tant li sal-mewt ta' Alan fid-29 ta' Jannar, 2014 fl-ebda zmien ma qatt ghamlet l-icken attentat sabiex iddur bih. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ikomplu jsostnu li jekk tinghata harsa lejn l-affidavit tar-rikorrenti jigi osservat illi r-rikorrenti tat certu dettal ta' dak kollu li ghamlet ma' Alan sa qabel il-mewt tal-missier John Satariano f'Marzu, 2000 pero' wara taqbez ghal Gunju, 2013 u ma tghid assolutament xejn dwar kemm hadet hsieb Alan hlief ghal pagna wahda.

Fl-atti l-intimati jressqu x-xiehda taghhom stess Dennis Satariano (fol. 170), Anthony sive Tonio Satariano (fol. 177), u Albert Satariano (fol. 207) li prattikament ilkoll ghandhom l-istess verzjoni tal-fatti u cioe' li minn wara l-mewt ta' missierhom John Satariano skonthom ir-rikorrenti m'ghamlet xejn ma' huhom Alan Satariano, anzi jghidu li kienet qalet lil huhom:

'*Le ma rridx naf bik. Lanqas wara biebi ma rridek.*'[1].

Isostnu li tul dan il-perijodu kienu huma li jaghtu ghajnuna u sostenn finanzjarju lil huhom Alan u jsemmu partikolarment l-okkazjoni meta Albert bajjadlu l-flat in kwistjoni billi kien fi stat dizastruz, kif ukoll l-okkazzjoni meta Anthony sive Tonio tela' l-Ingilterra sabiex jassisti u jnizzel lil Alan wara li kien tah stroke hemmhekk (ftit qabel ma' miet).

---

[1] Ara affidavit ta' Anthony sive Tonio Satariano a fol. 177 et seq tal-process, affidavit ta' Dennis Satariano a fol. 170 et seq tal-process u Albert Satariano a fol. 207 et seq tal-process.

L-intimati jressqu wkoll bhala xhieda lin-Nutar Mark Anthony Sammut (fol. 190), rapprezentant tal-Isptar Karen Grech (fol. 221) u rapprezentant tal-Isptar t'Ghawdex (fol. 223), rapprezentant tal-Bank of Valletta plc (fol. 265(i)), rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali (fol. 293) u lit-Tabib Wilfred Galea (fol. 306). Mix-xhieda mressqa mill-intimati l-Qorti ma setghetx tohrog wisq informazzjoni in konnessjoni mal-kwistjoni jekk ir-rikorrenti ssodisfatx il-kundizzjoni mposta fuqha jew le. Li rrizulta mid-deposizzjoni tat-Tabib Wilfred Galea huwa li kien ghamel zewg visti lil Alan Satariano fid-dar tal-intimat Albert f'Had Dingli.

Illi l-verzjoni tar-rikorrenti dwar din l-eccezzjoni hija kompletament in kunflitt mal-verzjoni kif esposta mir-rikorrenti fl-affidavit taghha a fol. 69 et seq tal-process. Fl-affidavit taghha r-rikorrenti tiddeskrivi fit-tul dak li hija tghid li ghamlet ma' huha llum mejjet Alan Satariano kemm qabel il-mewt ta' missierha John Satariano kif ukoll wara l-mewt ta' missierha fis-sena 2000. Tghid li kienet fethitlu '*grocer*' fi proprjeta' taghha stess sabiex jahdem u jzomm ruhu okkupat pero' wara ftit xhur kien xeba' u ghalhekk kellu jinghalaq in-negozju anki ghaliex skont hu ma kienx qieghed jirrendilu. Tghid ukoll li kienet xtratlu Land Rover sabiex jaghmel uzu minnha ghal xoghol ta' '*bulky refuse*' liema xoghol kienet tirreklamalu fil-gazzetta. Wara l-mewt tal-missier tghid li hija hasset aktar il-bzonn li tghin lil huha Alan. Tghid li huha kien mar jghix wahdu fil-flat tas-Sliema biex ikollu aktar liberta' u biex ma jismax aktar tgergir. Tghid li f'xi zmien wara l-mewt tal-missier huha Alan kien rega' beda jabbuza mid-droga b'mod qawwi u kienet insistiet li kellu jerga' jibda jfittex l-ghajnuna u ghalhekk kien rega' rrikorra San Blas ghall-ghajnuna. Izzid li hija kienet kwazi kuljum tmur il-flat biex tara kif inhu sejjer fejn kienet izzommlu l-post nadif u meta ma kinitx tarah f'siktu kienet iggiblu t-tabib privat certu Dr George Debono. Tkompli tghid li

ghalkemm kien jghix tas-Sliema xorta kien imur jiekol id-dar taghha fejn kienet tahsillu l-hwejjeg u kienet tghinu finanzjarjament billi kien jghix li bir-relief ma jhallaqx. Tixhed li ghalkemm fis-sena 2001 kienet bdiet tbati minn depressjoni u marret tghix mat-tifla Caroline, huha Alan xorta kien imur jiekol u jqatta hin ghand bintha Caroline. Tghid li meta hassitha ahjar u kienet regghet marret tghix lura l-Imsida, Alan kien rega' beda jmur ghandha regolarment. Issemmi li f'Gunju, 2013 huha Alan kien qalla li kien rega' sejjer jghix Londra u u tixhed li kienet saret taf li kien huha Tonio li kien hallaslu l-vjagg. Tghid li ftit gimghat wara li kien l-Ingilterra ma kienx cemplilha aktar u llum saret taf li kien tah stroke. Izzid li fil-Milied 2013 kien rega' mar Alan id-dar taghha fejn kienet tatu *'coat'* bhala rigal u ma regghetx ratu izjed minkejja li kienet kemm il-darba pruvat iccempillu.

Sabiex tikkorrobora l-verzjoni taghha r-rikorrenti ressqet diversi xhieda konsistenti f'Josephine Borg (fol. 65), Paul Spiteri (fol. 83), Mariella Dimech (fol. 88), hutha Angela Satariano Melton (fol. 95) u Astrid Satariano Dowling (fol. 98), Caroline Borg (fol. 106), Carmel Borg (fol. 112) u Joanne Spiteri (fol. 114).

Illi l-Qorti tinnota li l-intimati Dennis, Albert u Anthony sive Tonio ahwa Satariano fl-affidavits taghhom ma jikkontestawx wisq dak li kienet taghmel ir-rikorrenti ma' huha Alan qabel il-mewt tal-missier. Dan qieghed jinghad billi dak li r-rikorrenti ghamlet ma' Alan qabel il-mewt tal-missier huwa kkonfermat fit-tieni Artikolu tat-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fejn id-decuius innifsu qal '*…tibqa' ddur b'huha Alan sa ma dan ikollu htiega ta' hekk*'. Minn dan il-kliem huwa car li r-rikorrenti Maria Dolores sive Doreen Spiteri kienet gia ddur b'huha Alan Satariano minn qabel il-mewt tal-missier. In fatti dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhud imressaq mill-intimati n-Nutar Mark Anthony Sammut

fejn il-Qorti setghet tinnota li l-mejjet missierhom John Satariano kien sab serhan il-mohh fir-rikorrenti Maria Dolores Spiteri.

L-istess huwa konfermat mix-xhud Mariella Dimech li xehdet fil-5 ta' Dicembru, 2017 a fol. 88 et seq tal-process fejn sostniet li r-rikorrenti Maria Dolores sive Doreen Spiteri kienet il-'point of reference' tal-mejjet huwha Alan Satariano u dan zgur sal-'late nineties'. Tghid:

> 'Dr N Sciriha: Issa tul dan iz-zmien li int taf lil Alan Satariano, tista' tghidilna min kien jigi jarah jew min kien il-contact person minn maghkom bhala Caritas?
>
> Xhud: Bazikament Alan Satariano meta kien il-Caritas, l-unika persuna li jien niftakar hafna hija ohtu Maria Dolores, ftit it-tfal taghha imma l-aktar li jien niftakar sew hija ohtu. Alan Satariano kien ihares lejha bhala mother figure u bazikament hi kienet is-sapport tieghu.
>
> Ass. Gud: She was the basic visitor jigifieri.
>
> Xhud: She was the visitor.
>
> Dr N Sciriha: Meta qed tghidilna kienet is-sapport tieghu x'kienet?
>
> Xhud: Point of reference. Ovvjament kull resident meta ahna nkunu qed nghinu lil xi hadd, fil-verita' wahda mill-aktar affarijiet li ahna naghtu kas hija min hi l-persuna fejn tista' tircievi sapport. Ahna meta qed nghidu sapport jigifieri mhux biss sapport emozzjonali – li kien hemm ghax hu kien isemmi iliha fil-verita' – pero' ukoll sapport li jkollu bzonn xi

haga nghidililha, ikollu bzonn affarijiet biex jghix, b'xi mod irid jghix, hi kienet il-persuna li kienet tipprovdi ghax persuna biex tghix ghandha bzonn l-affarijiet materjali.

Dr N Sciriha: Bhal xiex?

Xhud: Alan Satariano meta dahal fil-programm kien imkisser, ma kellu assolutament xejn, kien totalment dipendenti fuq id-droga u meta waqaf id-droga kellu bzonn hafna ghajnuna mhux biss emozzjonali imma anke materjali. Jigifieri affarijiet li kellu bzonn ahna konna nikkomunikaw ma' ohtu Dolores.

…

Ass. Gud: You know if he had more brothers and sisters?

Xhud: I know he had. Naf li kellu aktar imma ma nafhomx u qatt ma rajthom. Mhux biss ma rajthomx…

Dr N Sciriha: Hadd minnhom ma ha interess.
Xhud: Kont tinsa li qeghdin hemm.

…

Dr N Scriha: Qatt kien jghidlek dwar xi affarijiet jew xi programm li kellha ghalih Dolores fil-futur meta johrog minn hemm?

Xhud: I do not remember. Fil-verita' hu kien jitkellem fuqha qisha ommu. Jigifieri qisha ommu qed kien jitkellem fuqha. What I do remember of Alan – this is something I really

remember – li jien kont nisimghu u kont narah u kont nghid li dan it-tifel – u nerga' nghid tifel mhux bi zball – veru fragli u veru ghadu jhobb id-droga wisq. I was not going to be surprised if he relapsed ghax kien persuna li kont nara d-differenza. Bdejt ninduna min huma n-nies li ghandhom l-affarijiet go fihom, is-sahha go fihom li jaghmluha, u hu kien fragli hafna.'.

Li l-intimati jikkontestaw b'qawwa kbira huwa dak li r-rikorrenti tallega li ghamlet wara l-mewt tal-missier John Satariano. Ovvjament dan jaghmel sens billi l-kundizzjoni tat-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut kellha tigi sodisfatta b'dak li kellha tibqa' taghmel ir-rikorrenti wara l-mewt tal-missier.

Illi l-intimati kif gia inghad isostnu li r-rikorrenti naqset kompletament milli tonora l-kundizzjoni mposta fuqha billi minn wara l-mewt tal-missier ma qatt ghamlet l-icken attentat sabiex iddur b'Alan Satariano. Il-Qorti izda ma tistax ma tinnotax li l-intimat Albert Satariano, in kontro-ezami, a fol. 314 et seq tal-process ikkontradica dak li kien iddikjara b'tant fermezza fl-affidavit tieghu billi iddikjara li bejn is-sena 2000 u s-sena 2014 kien hemm okkazzjonijiet fejn Alan kien imur jiekol ghand Doreen. Xehed:

'Dr M Attard Montalto: Wara l-mewt ta' missierek Alan kien mar l-Ingilterra u kien rega' gie.

Xhud: Xi sena qabel ma miet Alan. Meta miet missieri Alan baqa' jghix fil-flat ta' missieri, baqa' jdahhal id-drogati hemm, kulhadd iddrogat, kulhadd demm lil hawn u lil hinn biza' tidhol gol-flat. Needles kullimkien, Jekk nghidlek il-

hmieg li sibt f'dak il-flat meta dhalt anqas tista' timmagina. Borom imwahlin mal-mejda ma tistax taqghlahom. Esagerat. Jigifieri Alan ghex mit-2000 sa ma miet sat-2014 – jekk mhux sejjer zball – wahdu go dak il-flat imdawwar mid-drogati. HU kellu l-pensjoni tieghu u kien jghix biha. Hlief li peress li kien juza l-pensjoni kollha ghad-droga, kien jigi jiekol ghandi, kien imur jiekol ghand Doreen, jghid lil Tonio, "M'ghandix flus.", imur ghand Dennis jaghtih platt xi haga. Kien idurna kollha. Daqqa lili u daqqa lil dak u daqqa lill-iehor meta ma kienx ikollu x'jiekol.'

L-intimat Dennis Satariano in kontro-ezami a fol. 323 et seq tal-process ukoll jibdel xi ftit il-verzjoni tal-fatti kif esposta minnu fl-affidavit billi jghid illi m'huwiex minnu li ohtu Doreen Spiteri m'ghamlet xejn ma' Alan. Jghid illi:

'Dr M Attard Montalto: Jigifieri m'ghamlet xejn?

Xhud: Le xejn.

Dr M Attard Montalto: M'ghamlet xejn?

Xhud: Mhux m'ghamlet xejn, ghamlet jew daqsna jew ftit inqas ghax daqs kemm ghamel Tonio u daqs kemm ghamlu Bertu u Roger, hija l-kbir li miet, hija kif ghalaq tmintax kelli jaghzel passaport Ingliz jew passaport Malti dak iz-zmien u ghazel l-Ingliz. Mar ma' tal-Mars u qabad il-hajja hazina l-Ingilterra. Hadd ma jaf x'sar minnu. Qatt Doreen ma siefret biex tara fejn hu Alan, Jien sirt sifirt biex nara fejn hu Alan. Bert siefer biex jara fejn hu Alan u kien qed jghix il-hajja hazina Soho Square dak iz-zmien.

> …
>
> Dr M Attard Montalto: Iva. Imma hadet hsieb lil Alan tul hajjitha kollha.
>
> Xhud: Le. Hajjitha xejn kollha. Allura ahna x'ghamilna? Kollha hadna hsieb Alan u hemm min hadem izjed minna u hemm min hadem inqas minna.'

Il-Qorti wara li analizzat il-provi kollha fl-atti ssibha ferm difficli biex temmen li wara li r-rikorrenti ghamlet daqstant ma' huha Alan Satariano qabel il-mewt tal-missier tant li jqisha bhala ommu, li hija f'daqqa wahda wafqet taghmel hemm mal-mewt tal-missier. Il-Qorti hija propensa li temmen aktar il-verzjoni tar-rikorrenti meta tara li din hija msahha mix-xiehda ta' Josephine Borg (a fol. 65 et seq) u dik ta' Paul Spiteri (a fol. 83 et seq tal-process) fl-ewwel lok ghaliex il-verzjoni tal-fatti kif esposta minnhom ma gietx kontradetta mill-intimati. Ukoll mix-xiehda ta' Josephine Borg jirrizulta li mhux minnu dak iddikjarat mill-intimati u cioe' li minn wara l-mewt tal-missier ir-rikorrenti hija m'ghamlet xejn. Zgur sas-sena 2008 ir-rikorrenti kienet ghadha taghmel l-ikel u tnaddaf l-appartament tas-Sliema li fih kien jghix huha Alan Satariano. Ix-xhud Josephine Borg dan tikkonfermah billi tghid li kien hemm okkazzjonijiet li kienet tmur hi stess tghin lir-rikorrenti tnaddaf l-appartament in kwistjoni. Ix-xhud Paul Spiteri, ghalkemm ma jsemmix dati, wkoll jikkonferma li r-rikorrenti Maria Dolores sive Doreen Spiteri kienet tiehu hsieb lil Alan Satariano u dan anke wara l-mewt tal-missier John Satariano.

L-intimati jenfasizzaw ukoll l-argument u l-eccezzjoni taghhom billi jaghmlu referenza ghall-kuntratt ta' donazzjoni tal-fond 39, Flat 3 fi Triq Gianni Bencini, Sliema liema donazzjoni jidher li

hemm qbil li giet revokata wara ntervent tal-ahwa Satariano partikolarment il-mejjet Roger Satariano. Fil-fehma tal-Qorti din ir-revoka m'ghandiex tittiehed bhala ndikazzjoni li din saret ghax ir-rikorrenti u/jew bintha Joanne Spiteri kellhom il-faham miblul kif iddikjarat mill-intimati. Il-Qorti aktar temmen li r-rikorrenti nkwetat u fid-dawl ta' dan Joanne Spiteri pprocediet billi ghamlet ir-revoka. Il-Qorti tinnota li l-intimati ma javvanzawx l-istess argument dwar it-testment u cioe' li dan sar bi sforz, liema testment sar biss ftit gimghat qabel il-kuntratt ta' donazzjoni. Il-Qorti temmen li bhalma l-missier John Satariano kien indika li allegatament kien gie sfurzat jaghmel id-donazzjoni huwa seta' facilment indika lil Roger Satariano li kien ghamel it-testment bi sforz – haga li ma saritx. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-intenzjoni tal-missier John Satariano kienet semplicement li l-appartament jghaddi f'idejn ir-rikorrenti taht l-obbligu li taghmel li hemm bzonn ma' huha Alan Satariano u l-Qorti ghalhekk kienet obbligata li tezamina dak il-punt, kif fil-fatt ghamlet.

Il-Qorti finalment tirrileva li ssib serhan ta' mohh li verament il-versjoni tar-rikorrenti hija dik l-aktar wahda veritiera u cioe' li hija baqghet tiehu hsieb ta' huha Alan Satariano sakemm dan kien realistikament possibbli mill-kontro-ezami ta' Dennis Satariano a fol. 323 et seq tal-process fejn a fol. 326 jghid li r-rikorrenti sabet ruhha f'sitwazzjoni li kellha tghidlu 'Tigic wara biebi izjed' ghaliex fi kliemu stess 'Ghax he was very bad". Dan allura jwassal lill-Qorti sabiex tifhem u tikkonkludi li anki jekk f'xi mument ir-rikorrenti waslet f'sitwazzjoni fejn ma felhitx tiehu aktar hsieb lil huha in vista tal-komportament tieghu, id-decuius xorta wahda ha hsieb din ic-cirkostanza fit-testment tieghu f'dik il-parti fejn iddikjara kif isegwi:

'basta l-imsemmi Alan jiddeporta ruhu sew konstantement mal-prelegatarja, altrimenti din il-kondizzjoni titlef l-effett *ipso facto.'* (ara fol. 15)

Il-Qorti ghalhekk in vista' tas-suespost tqis li fl-atti tressqu bizzejjed provi sabiex jissodisfaw il-prova fil-grad li trid il-ligi li r-rikorrenti ssodisfat il-kundizzjoni mposta fuqha minn missierha John Satariano bit-testment tal-20 ta' Settembru, 1999 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut (fol. 15), sakemm dan kien umanament possibbli da parti taghha, wkoll in vista u tenut kont tal-komportament ta' huha Alan Satariano. Konkluz dan kollu jirrizulta allura li l-eccezzjonijiet tal-intimati ghandhom jigu michuda u t-talbiet tar-rikorrenti milqugha.

**Is-sitt talba dwar kontijiet pendenti fuq il-fond in kwistjoni moghti bi pre-legat:**

Il-Qorti rat li mix-xiehda ta' Katia Axiaq fl-atti a fol. 132 et seq tal-process u partikolarment mill-kont esebit a fol. 185 tal-process, li jirrizulta li fuq il-fond in kwistjoni hemm kont pendenti dovut lis-socjeta' ARMS Ltd. fis-somma ta' €5,100.33. Dan il-kont isejjah lill-mejjet Alan Satariano. Mid-dokumenti a fol. 141 il-quddiem jirrizulta lill-Qorti li l-ammont dovut gie akkumulat wara l-mewt ta' John Satariano u cioe' mis-sena 2010 l-quddiem meta fil-fond kien jirrisjedi l-mejjet Alan Satariano sal-mewt tieghu fis-sena 2014. Mis-sena 2014 l-quddiem jidher li baqghu jakkumulaw l-imghaxijiet fuq l-ammont dovut. Jirrizulta mill-atti li sas-sena 2014 Alan Satariano baqa' jghix fil-fond in kwistjoni bil-kunsens ta' hutu kollha li kienu l-eredi universali ta' missierhom nonostante li kienu jafu ben tajjeb il-limitazzjonijiet finanzjarji ta' huhom. Il-Qorti ghalhekk tqis li huma l-ahwa kollha cioe' l-partijiet kollha f'din il-kawza, bhala eredi universali fis-sehem

rispettiv ta' kull wiehed u wahda minnhom li ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hlas ta' dan il-kont dovut lill-ARMS Ltd. Dwar it-trasferiment tal-kont f'isem ir-rikorrenti, la darba ssir l-immissjoni fil-pussess f'isem ir-rikorrenti, kif ser jigi ordnat minn din il-Qorti u jithallas il-kont kif indikat, dan ikun jista' jigi mdawwar f'isem l-istess rikorrenti bhala s-sid tal-istess fond. Dwar it-trapass tal-imghaxijiet sakemm jithallas il-kont stante li din il-parti tas-sitt talba timpingi fuq id-drittijiet u l-interessi tas-socjeta' ARMS Ltd. li mihiex parti fil-kawza l-Qorti ser tichad din il-parti tat-talba.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjoni billi gew irtirati mill-intimati permezz ta' nota filwaqt li ghar-ragunijiet suesposti tichad il-bqija tal-eccezzjoni tal-intimati;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li t-testment li jirregola l-wirt intier ta' John Satariano li miet fit-28 ta' Marzu 2000, huwa t-testment fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut tal-20 ta' Settembru 1999, anness bhala dok DS 4 u esebit a fol. 15 et seq tal-process;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-appartament 39, Flat 3, Triq Gianni Bencini, Sliema jifforma parti mill-beni propjeta' tad-decuius John Satariano u dan in piena propjeta';

4. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li r-rikorrenti aderixxiet u ssodisfat il-kondizzjonijiet tat-Tieni Artikolu u fejn ghalhekk

dan l-appartament 39, Flat 3, Triq Gianni Bencini, Sliema hija proprjeta' esklussiva u unika tar-rikorrenti;

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna ghalhekk li r-rikorrenti ghandha l-jedd ghall-propjeta' tal-fond u b'hekk ghandha tigi immessa fil-pussess tal-appartament 39, Flat 3, Triq Gianni Bencini, Sliema, fi zmien massimu ta' tlett xhur mid-data li din id-decizjoni tghaddi in gudikat u ghal dan il-ghan tappunta lin-Nutar Pubbliku Mark Anthony Sammut sabiex jirredigi u jippubblika tali kuntratt pubbliku fiz-zmien indikat u tahtar lil Dr Alex Scerri Herrera bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta kwalunkwe persuna assenti li ma tidhirx ghal tali kuntratt pubbliku;

6. Tilqa' l-hames talba u tordna li l-intimati kollha jizgombraw u jivvakaw mill-appartament 39, Flat 3, Triq Gianni Bencini, Sliema entro terminu ta' tlett xhur mid-data li din id-decizjoni tghaddi in gudikat, u fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti tawtorizza lir-rikorrenti tisgassa l-katnazz u/jew il-bieb sabiex tkun tista taccedi fil-fond u tiehu l-pussess tieghu;

7. Tilqa' s-sitt talba limitatament u tordna li jiddawru l-meters tad-dawl u ilma fuq il-fond in kwistjoni mal-ARMS Limited a favur tar-rikorrenti mill-mument li jigi ppubblikat il-kuntratt ta' imissjoni fil-pussess favur taghha, a spejjez izda tal-istess rikorrenti, filwaqt li tilqa' in parte l-bqija tas-sitt talba billi tordna li l-kontijiet pendenti ta' kera u konsum ta' utilitajiet inkluz imghaxijiet tal-utilitajiet fuq il-fond 39 Flat 3 Triq Gianni Bencini Sliema jithallsu mill-partijiet kollha fil-kawza lkoll eredi ta' John Satariano, kull wiehed u wahda minnhom skont is-sehem tieghu jew taghha fl-eredita'. Tichad dik il-parti tat-talba fejn qed jintalab li ma jibqax

jiddekorri imghax fuq l-ammont dovut stante li tali decizjoni timpingi fuq id-drittijiet u nteressi ta' terzi li mhumiex parti fil-kawza.

Bl-ispejjez tal-kawza odjerna u tal-kuratur nominat interament a karigu tal-intimati, l-ispejjez tan-Nutar in relazzjoni mal-imissjoni fil-pussess jithallsu mill-eredi ta' John Satariano skont is-sehem rispettiv taghhom fl-istess eredita'.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**10 ta' Jannar, 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Jannar, 2023**